



Brussell, 6 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12631/20

ECOFIN 996
UEM 357
SOC 671
EMPL 489
COMPET 539
ENV 688
EDUC 392
RECH 433
ENER 408
JAI 916

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Novembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12263/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2021: L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2021: L-istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021, **approvata bi proċedura bil-miktub** fis-6 ta' Novembru 2020.

SEMESTRU EWROPEW 2021:

L-ISTRATEĠIJA ANNWALI GĦAT-TKABBIR SOSTENIBBLI 2021

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JAQBEL li fir-reċessjoni profonda u għal għarrieda kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna, ta' saħħithom u tal-impjiegi tagħhom hija kruċjali.
2. JIEĦU NOTA tal-pubblikazzjoni bikrija tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021, li turi li l-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza għandha rwol kruċjali x'taqdi biex tiffaċilita l-irkupru rapidu u t-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Istati Membri tal-UE, waqt li tagħti stimolu enormi ta' investiment u riforma, speċjalment għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. JENFASIZZA li għandu jkun hemm qbil dwar il-faċilità u li tiġi implimentata mingħajr dewmien.
3. JILQA' l-fatt li l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 u l-faċilità huma msejsa fuq l-għan tal-UE li tikseb sostenibbiltà kompetittiva u koeżjoni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. JAQBEL li jinżammu l-erba' dimensjonijiet tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli: l-istabbiltà makroekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività u l-ġustizzja. JISSOTTOLINJA li l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku huwa essenzjali biex jiġu żgurati rkupru rapidu, kompetizzjoni ġusta u l-prevenzjoni ta' tħarbit tal-ktajjen tal-valur transfruntiera u tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-oġġetti kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi. JAQBEL li l-indirizzar tal-isfidi klimatiċi u ambjentali ta' żmienna hija opportunità biex niffukaw mill-ġdid l-ekonomiji tagħna b'mod sostenibbli. JENFASIZZA li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ser ikollhom bżonn jiġu allinjati mal-prijoritajiet maqbula, kif iddikjarat fir-regolament dwar il-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza.

4. JIEĦU NOTA tal-inizjattivi ewlenin elenkati fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 li jirriflettu l-isfidi komuni tal-UE li jappellaw għal investiment u riformi koordinati. IĦEĠĠEĠ BIL-QAWWA lill-Istati Membri biex jaħdmu fuq settijiet koerenti ta' riforma u ta' investiment essenzjali, li jindirizzaw l-isfidi strutturali nazzjonali, inkluż dawk riflessi fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lill-Istati Membri fiċ-ċiklu tas-semestri tal-2019 u l-2020, u li jappoġġaw it-tkabbir u r-reżiljenza inklużivi u sostenibbli fit-tul. Jistgħu wkoll isaħħu l-effetti konsegwenzjali pożittivi billi jqisu l-inizjattivi ewlenin proposti mill-Kummissjoni.
5. JAGĦRAF il-ħtieġa tal-adattament temporanju tas-Semestru Ewropew sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2021 tissostitwixxi r-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew b'dokumenti analitiċi li jivvalutaw is-sustanza tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, għal dawk l-Istati Membri li jippreżentaw pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. JISSOTTOLINJA l-importanza li jinżammu diskussjonijiet orizzontali fil-Kumitati rilevanti involuti fis-Semestru Ewropew. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jippreżentaw il-programm ta' riforma nazzjonali u l-pjan tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza f'dokument wieħed integrat.
6. JIEĦU NOTA li, minħabba n-natura komprensiva u li tħares 'il quddiem tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni mhix ser tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-2021 (għajr għas-sitwazzjoni baġitarja) għal dawk l-Istati Membri li jkun ppreżentaw dan il-pjan. JISSOTTOLINJA l-importanza li titħares is-sorveljanza multilaterali fis-Semestru Ewropew minkejja l-bidliet fiċ-ċiklu tal-2021. JENFASIZZA li s-sorveljanza tal-politika strutturali, id-diskussjonijiet orizzontali u l-eżamijiet tematiċi għandhom ikomplu, waqt li jitħalla jsir proċess f'waqt u effikaċi għat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-valutazzjoni tal-programmi u tal-pagamenti. JAPPELLA għar-ritorn ta' proċess komplet tas-Semestru Ewropew mill-aktar fis possibbli, inkluż il-governanza tiegħu.
7. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tibni kemm tista' fuq il-proċessi u l-governanza stabbiliti fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. JISTIEDEN lill-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti xierqa ta' governanza għall-implimentazzjoni effiċjenti u soda tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

8. JAQBEL li l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu appoġġ fiskali mmirat u temporanju fl-2021, filwaqt li tiġi salvagwardata s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju u jissahħha l-investiment. IQIS li l-miżuri li jiffaċilitaw l-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi u li jappoġġaw l-irkupru m'għandhomx jitwettqu fl-istess ħin fl-Istati Membri iżda jvarjaw skont il-bżonnijiet tal-pajjiż u tas-setturi differenti b'rabta mal-evoluzzjoni tal-pandemija.
9. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2021 tippromovi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni baġitarja tal-Istati Membri, kif previst skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. IQIS li huwa importanti li ssir riflessjoni dwar l-orjentazzjonijiet fiskali futuri. JISSOTTOLINJA li fit-teħid tad-deċiżjonijiet fiskali għandha titqies l-inċertezza għolja dwar l-iżvilupp tal-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħha.
10. JIRRIKONOXXI li minħabba t-tnaqqis kbir fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-kriżi tal-COVID-19, x'aktarx li xi żbilanċi eżistenti jmorru għall-agħar u jistgħu jiġu ġġenerati riskji ta' żbilanċi ekonomiċi ġodda, b'mod partikolari minħabba żidiet fid-dejn tas-settur pubbliku, tal-azjendi u tal-unitajiet domestiċi li min-naħa tagħhom jgħaddu dan id-dejn fuq is-settur finanzjarju. JAQBEL mal-ħtieġa ta' sorveljanza ekonomika komprensiva kontinwa tal-UE sabiex jiġu żgurati d-detezzjoni u l-indirizzar f'waqtu tal-isfidi ekonomiċi ġodda u li dejjem jinbidlu. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija u li tkompli s-sorveljanza skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, inkluż bl-adozzjoni ta' rieżamijiet fil-fond fl-2021 li jivvalutaw is-sitwazzjoni attwali tal-iżbilanċi ta' Stati Membri magħżula.
11. JAPPELLA biex isir l-aħjar użu mill-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza u biex jiġu implimentati malajr l-investimenti produttivi u r-riformi strutturali, skont il-prijoritajiet tal-UE, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji tal-UE u jiżdied il-potenzjal għat-tkabbir.